**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Rabat, Città Victoria**

**IT-TMIEN LEĠIŻLATURA**

**Laqgħa Numru KLR40/VIII/2023**

**Il-Erbgħa, 4 ta' Jannar 2023.**

Saret il-laqgħa tal-Kunsill Lokali fl-uffiċju amministrattiv tal-Kunsill, nhar il-Erbgħa, 4 ta' Jannar 2023, fil-17:00.

**Preżenti:**
Is-Sur Josef Schembri – Sindku
Is-Sur Brian Azzopardi – Viċi Sindku
Is-Sur Michel Buttigieg – Kunsillier
Is-Sur Joseph Debrincat – Kunsillier
Is-Sur Marcel Tabone – Kunsillier
Is-Sur Charlie Hili – Kunsillier

Skużata:
Is-Sinjorina Maria Portelli – Kunsillier

Uffiċjal Preżenti
Is-Sinjura Miriam Attard – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Josef Schembri ppresjeda l-laqgħa.

### 40.1 Talba

Il-laqgħa bdiet fil-17:00. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

### 40.2 Qari tal-ittri ta' apoloġija

Inqrat l-ittra t'apoloġija tal-membru Portelli.

**40.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

40.3.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 39 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

40.3.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjoni li seta' kien hemm mill-minuti.

40.3.3 Ma kienx hemm korrezjonijiet u l-minuti ġew approvati.

**40.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

Is-Sindku għarraf lill-membri li s-*CCTV cameras* f'taċ-Ċawla H.E. ser jitpoġġew il-ġimgħa d-dieħla.

**40.5 Mistoqsijiet mill-Kunsillieri**

40.5.1 Il-membru Ħili propona li ssir ħarġa għall-anzjani. Il-membri qablu u din ser issir nhar id-9 ta' Frar 2023. Il-programm hu anness f' Dokument A.

40.5.2 Il-membru Ħili propona li tiġi organizzata wirja ta' xogħolijiet ta'artisti Rabtin ġewwa Nichelino. Il-membri qablu mal-proposta u għandha tintalab il-koperazzjoni tal-eks Sindku Paul Galea u Alvin Scicluna.

**40.6 Korrispondenza, ilmenti u suġġerimenti**

Tressqet korrispondenza mingħand:-

40.6.1 id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali dwar:-

40.6.1.(i) SPI/SCI/11/2022 – Korsijiet Lifelong Learning 2023/2024;

40.6.1.(ii) *websites* tal-Kunsilli Lokali aġġornati u modernizzati. Il-Kunsill qabel li jkun parteċipi f'din il-website ġdida li ser tkun immonitorjata mill-MITA;

40.6.2 il-kuntrattur tat-tindif tat-toroq fejn bagħat skeda tal-Wasteserev fejn hemm indikat kif ser jogħlew il-*gate fees* għar-rimi tal-iskart sena b'sena. Peress li r-rata tal-iskart imħallat, għas-sena 2023 ser tiżdied minn €20 għall-€40 (VAT esklużа), kull tunnellata ta' skart, il-kuntrattur għarraf lill-Kunsill li biex ikopri dawn l-ispejjeż ħa jkollu jpoġġi żieda ta' €15 (VAT eskluża) kuljum fuq il-kuntratt tat-tindif tat-toroq (VLC/01/2019). Il-membri qablu li r-Reġjun Għawdex għandu jiġi mgħarraf b'dan u jintalab jagħmel il-pressjoni neċessarja mal-Gvern Ċentrali sabiex dawn il-miżati miżjuda jkunu koperti minn naħħa tal-Gvern;

40.6.3 Grech & Grech Associates li reġgħu kitbu għan-nom tal-konjugi Bartoli fejn kienu lmentaw fir-rigward ta' pajp tal-ilma li sar fuq il-bankina minn sid id-dar 101 fi Triq Vajringa u li sar b'tali mod li jitfa' l-ilma fuq il-propjeta' tagħhom. Il-Kunsill kien għarraf lil Bartoli li dan ix-xogħol ma sarx min-naħa tal-Kunsill. Bartoli insistew li xorta l-bankina tibqa' responsabbilita' tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekutiv kienet infurmat lill-Avukat ta' Bartoli li din il-korrispondenza ser tinqara waqt din il-laqgħa tal-Kunsill. Il-membri ma ħassewx li din l-ittra għandha tiġi risposta permezz ta' Avukat, peress li ma baqax periklu fuq il-bankina;

40.6.4 Charles Beżżina fejn għarraf lill-Kunsill li ħareġ ktieb ieħor bl-isem 'Mal-Aħħar Mewġiet'. Il-membri qablu li jinxtraw seba' kopji ta' dan il-ktieb;

40.6.5 Il-membri ma sabux oġġezzjoni sabiex triq prinċipali li twassal għall-Għasri li tinsab kantuniera minn Triq Wilġa ma' Triq Dun Karm Caruana tissemma Triq l-Għasri.

40.6.6 Is-Segretrju Eżekuttiv resqet lista ta' proposti għat-tismija ta' toroq ġodda. Il-membri qablu li din il-lista tintbagħat lill-Kumitat għal-Ismijiet tat-Toroq fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex.

40.6.7 Ġiet imressqa kopja tal-ftehim iffirmat bejn il-Fondazzjoni tal-Community Work Scheme (CWS), l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u d-Diviżjoni tal-Gvern Lokali dwar il-ħaddiema tal-CWS.

40.6.8 Tressqu dawn l-appelli tal-Awtorita' tal-Ippjanar :- Appell : 00331/22 u Appell : 00320/22.

40.6.9 Rigward l-offerti:- VLC04/2022 – Services – *for the upkeep and maintenance of the Victoria playing field using environmentally friendly measures*, u VLC05/2022 - *Provision of architectural and engineering consultancy services in relation to projects undertaken by the Victoria Local Council*, il-membri qablu li l-adjudication boards ikunu ffurmati minn Daniel Galea (accountant), Mario Cauchi (enġinier), Larry Formosa (avukat), William Sultana (chairman) u s-Segretrju Eżekuttiv (segretarja tal-bord). Dawn l-offerti għalqu fis-7 ta' Diċembru 2022.

40.6.10 Il-Perit indika s-sit fejn tista' ssir *bring-in site* ġdida fi Triq Salvatore Psaila. Tkun trid titneħħa ftit ħamrija pero' ma titneħħa ebda' siġra. Il-membri qablu.

40.6.11 Tressqet kopja ta' korrispondenza fejn residenti minn Triq il-Mitħna talbu lill-Ministeru għal Għawdex sabiex titwessa parti minn din it-triq.

**40.7 Restawr tal-istatwi taz-zuntier tal-Kunvent ta' Santu Wistin u San Ġorġ tal-Ħaġar** – ***update***

Is-Sindku għarraf lill-membri li bħalissa qed isir ir-restawr fuq l-aħħar statwa minn taz-zuniter ta' Pjazza Santu Wistin. Din daqt titlesta wkoll. Wara jinbeda x-xogħol fuq San Ġorġ tal-Ħaġar.

**40.8** ***Upgrade tal-Playing Field*** **– Triq taħt Putirjal**

Is-Sindku għarraf lill-membri li ser jinbidlu l-partijiet tat-tapit ta' taħt l-*playing field equipment* li kienu ħżiena. Il-membri kienu qablu li jsir dan minħabba li partijiet minn dan it-tapit huma perikolużi.

**40.9 Proġett Pjazza Santu Wistin**

Dwar dan il-proġett, is-Sindku għarraf lill-membri li ser issir laqgħa mal-Perit nhar l-10 ta' Jannar 2023.

**40.10 Laqgħa tal-Lokalita'**

Il-membri qablu li l-laqgħa tal-lokalita' ssir il-Ġimgħa, 3 ta' Marzu 2023.

**40.11 Estimi Sena 2023**

Dawn ser jitressqu fil-laqgħa li jmiss peress li l-*payscales* għas-sena 2023 għadha ma nħarġitx.

**40.12 Kontijiet Gatt Tarmac Ltd**

Is-Sindku għarraf lill-membri li saret il-laqgħa bejn il-Kunsill u Gatt Tarmac Ltd. u l-Avukati tal-partijiet. Din il-laqgħa saret fl-20 ta' Diċembru 2022. F'din il-laqgħa ġie maqbul hekk:- 20.12.2022

- Qbil mingħajr preġudizzju li jekk il-Perit Edward Scerri jiċċertifika u jikkonferma li l-ammont dovuti huma €30,015.24 u €275,594.30 allura għandu jiġi rinunzjat l-imgħaxx sad-data tal-llum. Madankollu l-imgħaxx jibda jidekorri mill-llum, 20 ta' Diċembru, 2022. Jekk m'hemmx qbil fuq l-ammonti nerġgħu niddiskutu. Il-Perit, b'telefonata li saret, intrabat li sa nofs Jannar 2022, ikun iċċertifika 'l hawn fuq imsemmija ammonti.

Il-membri tal-Kunsill qablu ma dan u kull kont li jitħallas ser jitressaq quddiem il-Kunsill wara li jkun ċertifikat mill-Perit, kif dejjem isir.

**40.13 Immaniġjar tat-Traffiku**

Il-membri qablu li jintalab il-permess ta' *Transport Malta* (TM) sabiex:-

40.13.1 isir *one metre yellow line* biswit garaxx 37 fi Triq Librerija;

40.13.2 isir *one metre yellow line* biswit garaxx ta' 'Hilary Court' fi Triq Borġ Geritu.

40.13.3 Dwar il-proposta għall-*pedestrian crossing* fi Triq it-Tabib Anton Tabone, qrib il-piċċ tal-boċċi, TM infurmat lill-Kunsill li jrid iġib l-approvazzjoni tar-residenti fejn quddiemhom qed jiġi propost li ssir din il-*pedestrian crossing*.

40.1.3.4 TM m'aċċettatx talba għall-parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' ta' 67, Triq ta' Wara s-Sur. Dan peress li l-applikant ma jikwalifikax għal dan il-parkeġġ.

40.13.5 TM aċċettat talba għall-parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' għal sena ta' 52, 'Viku', Triq taħt Putirjal.

40.13.6 Tressaq ilment rigward *bollards* li saru fi Triq Għajn Qatet faċċata ta' Triq Pompei. Dan l-ilment intbagħat lill-TM peress li Triq Għajn Qatet hi arterja.

40.13.7 Dwar r-*road markings* proposti għal Triq Ġorġ Borġ Olivier, il-Kunsill talab lista mingħand TM tal-*un/loading bays* eżistenti u li jitneħħew dawk fejn ma baqax ħwienet li qed jużawhom jew li huma ħwienet magħluqin. Minn TM il-Kunsill irċieva biss il-*policy* ta' kif ħanut ikun intitolat għall-*un/laoding bay*.

40.13.8 Rigward il-parkeġġ li hemm quddiem 82 fi Triq Santa Marija, TM qed tgħid li jekk il-parkeġġ jersaq il-fuq, il-kaxxa ma toqgħodx peress li hemm garaxx u trid tkun minimu ta' ħames metri.

**40.14 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti**

Ġew approvati l-pagamenti għax-xhur ta' Diċembru 2022 u Jannar 2023 skond dokumenti B u Ċ annessi.

**40.15 Xogħlijiet oħra**

Il-membri qablu li:-

40.15.1 jinxtraw *tokens* għat tberik tal-annimali fl-okkażjoni tal-festa ta' Don Bosco. M'għandiex tinqabeż is-somma ta' €100. Is-Sindku ser jippreżenta dawn it-tifkiriet;

40.15.2 jiġi organiżżat kunċert bil-kollaborazzjoni tal-JP2 Foundation, fejn jinġabbru fondi għad-Dar tal-Providenza. Il-Kunsill m'għandux ikollu aktar minn €300 bħala spejjeż.

40.15.3 ssir bankina ġdida quddiem 16/17 fi Triq Pompei.

**40.16 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-19:30 ta' filgħaxija u kien hemm qbil unanimu bejn il-membri li d-data tal-laqgħa tiġi miftehma aktar 'il quddiem.

Konfermati, illum, l-Erbgħa, 22 ta' Frar, 2023.

| | |
|---|---|
| Josef Schembri<br>Sindku | Miriam Attard<br>Segretarju Eżekuttiv |